A.L. 534 tal-2010

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 3), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħames Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

(3) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/69/KE tal-25 ta' Ġunju 2009 u tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/162/UE tat-22 ta' Diċembru 2009 li jemendaw id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

Jissostitwixxi l-partita 3 tat-Taqsima Erbgħa tal-Iskeda.

2. Il-partita 3 tat-Taqsima Erbgħa tal-Iskeda għandha tiġi sostitwita b'din li ġejja:

"*Oġġetti trasportati minn territorju terz*

3. L-importazzjoni ta' oġġetti trasportati minn territorju terz u importati f'Malta meta l-provvista ta' dawn l-oġġetti mill-importatur tkun provvista eżentata skond il-paragrafu (1) jew (4) tal-partita 3 tat-Taqsima Wieħed ta' din l-Iskeda.

L-eżenzjoni pprovduta taħt din il-partita għandha tapplika f'każijiet meta l-importazzjoni ta' oġġetti tkun segwita mill-provvista ta' oġġetti eżentati skont il-paragrafu (1) jew (4) tal-partita 3 tat-Taqsima Wieħed ta' din l-Iskeda biss jekk fil-mument tal-importazzjoni l-importatur ikun ta lill-Kontrollur tad-Dwana l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tiegħu maħruġ skont l-artikolu 10 ta' dan l-Att;

(b) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-klijent, li lilu l-oġġetti jiġu pprovduti skont il-paragrafu (1) tal-partita 3 tat-Taqsima Wieħed ta' din l-Iskeda, maħruġ fi Stat Membru ieħor, jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tiegħu stess maħruġ fl-Istat Membru fejn jispiċċa d-dispaċċ jew it-trasport tal-oġġetti meta l-oġġetti jkunu soġġetti għal trasferiment skont il-paragrafu (4) tal-partita 3 tat-Taqsima Wieħed ta' din l-Iskeda;

(ċ) l-evidenza li l-oġġetti importati huma intenzjonati li jinġarru jew jintbagħatu minn Malta lejn Stat Membru ieħor.

B'żjieda ma' dan, il-Kontrollur tad-Dwana jista' jimponi kondizzjonijiet inkluża l-preżentazzjoni ta' aktar dokumentazzjoni u garanziji.".

Iżid partita ġdida fl-Iskeda.

3. Minnufih wara l-partita 7 fit-Taqsima Erbgħa tal-Iskeda għandha tidħol il-partita ġdida li ġejja:

"*Importazzjoni ta' gass, elettriku, enerġija għat-tkessiħ jew għat-tisħin, permezz ta' sistemi jew* networks

8. L-importazzjoni ta' gass permezz ta' sistema ta' gass naturali jew kwalunkwe *network* konness ma' tali sistema jew introdott minn bastiment li jittrasporta gass f'sistema ta' gass naturali jew kwalunkwe *network* ta' gassdotti *upstream*, ta' elettriku jew ta' enerġija għat-tisħin jew għat-tkessiħ permezz ta' *networks* tat-tisħin jew tat-tkessiħ.".